MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Numru. 387/2012

**Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Kenneth Gauci**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Kenneth Gauci ta’ 41 sena, bin Godfrey u Carmen xebba Cassar, mwieled Pieta’ nhar id-9 ta’ Mejju 1971, residenti Ghal Wens tas-Salib, Ta’ Taht San Lawrenz, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 242571(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fis-26 ta’ Marzu, 2012, ghall-habta tat-15:24hrs u t-15:28hrs, minn gewwa residenza bl-isem ta’ Fairy Bluebird, Triq il-Gellewza Sewda, Attard, ikkommetta serq ta’ arlogg tad-ditta Sector u curkett tad-ditta Fossil ikkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ 233 Ewro (mitt lira Maltin) izda inqas minn 2,330 Ewro (elf lira Maltin), kif ukoll bil-lok ghad-detriment ta’ Pietro Seminara.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ April 2012 (esebit *a folio* 4 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-25 ta’ Mejju 2012 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Illi l-fattispeci tal-kaz odjern jirrigwardaw allegat tehid ta’ arlogg tad-ditta Sector u curkett tad-ditta Fossil fis-26 ta’ Marzu 2012 ghall-habta ta’ 15:24 hrs minn gewwa r-residenza Fairy Bluebird, Triq il-Gellewza Sewda, Attard ghad-detriment ta’ Pietro Seminara. Dan tal-ahhar kien il-partner ta’ Anne Marie Gauci li min-naha taghha kienet ghaddejja minn proceduri ta’ separazzjoni personali minn mal-imputat. L-oggetti msemmija thallew fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda tar-residenza ta’ Anne Marie Gauci li kienet ukoll id-dar konjugali taghha mal-imputat u ma nstabux. Il-valur tal-arlogg skond Pietro Seminara huwa ta’ bejn €300 u €400 u l-valur tac-curkett huwa ta’ €40. Mill-provi rrizulta li l-imputat kien telaq mid-dar matrimonjali izda kien jaccedi ghall-istess dar kuljum pendenti l-proceduri ta’ separazzjoni.
L-imputat xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta’ Ottubru 2012 fejn ikkonferma li fid-data u hin indikati fic-charge sheet kien dahal fid-dar matrimonjali sabiex jiehu xi affarijiet li kellhom bzonn it-tfal li kienu qed jghixu

mieghu. Huwa kkonferma li kien ha c-curkett u l-arlogg minn fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda izda qal li ghamel dan sabiex juzahom bhala evidenza li martu kienet qed iddahhal irgiel ohra fid-dar matrimonjali. Huwa qal inoltre li ghamel appuntament mal-avukat li tah parir sabiex ipoggi l-affarijiet lura u jiehu ritratt ta' fejn sabhom u fil-frattemp cemplulu l-Pulizija mill-Ghassa ta' B'Kara u huwa ghadda l-affarijiet lil Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz essenzjalment hemm qbil li l-oggetti in dizamina ttiehdu mill-imputat min fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda ta' martu fid-dar matrimonjali. L-imputat sa mill-bidu nett insista li huwa ha dawn l-oggetti bhala prova li martu kienet qed iddahhal ragel iehor fid-dar matrimonjali fejn kien ikun hemm ukoll it-tfal tal-koppja. L-imputat ta' l-istess verzjoni li kien ta' a tempo vergine meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.

L-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-lok. Ma hemmx dubju li t-tehid tac-curkett u l-arlogg da parti tal-imputat sar minghajr il-kunsens tal-propjetarju ta' dawn l-oggetti u cioe' minghajr il-kunsens ta' Pietro Seminara. Id-Difiza tikkontendi li f'dan il-kaz huwa nieqes wiehed mill-elementi essenzjali sabiex jitqies li jissussisti r-reat ta' serq u cioe l-'animus lucrandi'. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs John Galea et' deciza fit-30 ta' Jannar 2003 u cioe': -

*"Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-CARRARA [op.cit. Vol. IV , para. 2035 :-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u*

*"per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-CRIVELLARI jghid :-*

***"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare**.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

*u l-MAINO fil-"Commento al Codice Penale" Libro II , Titolo X , para. 1843 jghid :-*
*"il profitto ...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*

*""...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola , oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro , ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

Fl-istess sentenza jinghad hekk: –

*Il-CARRARA (op. cit. Vol.IV , para. 2036 ) ukoll jghid li :-*

*"Si esclude in colui che credeva di aver ragione sopra la cosa o intendeva a ricattare un suo credito : il quale si rendera' responsabile di ragion fattasi ma non di furto."*

*u fl-annotazzjoni tal-istess paragrafu , dan il-gurista ikompli jelabora dwar din id-distinzjoni bejn ir-reat ta' serq u dak ta' ragion fattasi . Hekk jghid :-*

*"La eliminazione del furto per la sua conversione nel titolo di ragion fattasi ha una frequente applicazione ... La vidi applicare ad un marito che avendo sorpreso la moglie in adulterio, aveva tolto al drudo l'orologio per ricattarsi . La vidi applicare ad una domestica che sedotta dal proprio padrone, era fuggita dalla sua casa asportando oggetti di valore per supplire alle spese del suo parto. Queste ed altre simili sono conseguenze del principio che al furto richiede il fine della locupletazione e sono conseguenze logiche quando siano rettamente applicate alle contingenze dei fatti. .... il-vero fondamento della degenerazione del furto in ragion fattasi sta nella mancanza nell'animo di arricchirsi."*

*Umbaghad izid jghid li r-raguni ghal din id-distinzjoni hija wahda :*

*"eminentemente giuridica , cosi' nel rapporto soggettivo , perche' vi e' minore malvagita' ; come nel rapporto oggettivo, perche' chi al fine di pagarsi invola un oggetto al suo debitore non reca spavento ad alcuno tranne ai debitori di mala fede , ai quali deve la societa' una protezione minore . La teorica dominante in Italia e' dunque giustissima sotto tutti gli aspetti."*

Fil-kaz in ezami l-Qorti hija tal-fehma li l-istato d'animo tal-imputat fil-mument li ha l-oggetti in dizamina kien 'in the exercise of a pretended right' u cioe' sabiex juza l-fatt li dawn l-oggetti nstabu fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda ta' martu fid-dar matrimonjali bhala prova fil-proceduri ta' separazzjoni. Il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova fuq bazi ta' probabilita' li dak li ghamel sar bil-kredenza li l-att kien qed isir fl-esercizzju ta' dritt. Ghalhekk l-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz jonqos l-element importanti tal-'animo di farne lucro'. Jidher li r-reat li tieghu kellu jigi akkuzat l-imputat kien dak ta' ragion fattasi kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali izda din il-Qorti ma tistghax issibu hati tieghu ghaliex m'huwiex reat kompriz u nvolut fir-reat ta'

serq li bih jinsab akkuzat l-imputat izda huwa reat ghal kollox differenti taht titolu separat tal-Kodici Kriminali.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------